"Dar Birzebbuga", Triq Santa Marija, Birzebbuga Tel : +356 21650165 e-mail: birzebbuga.lc@gov.mt

Motto : **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

*Minuti ta' seduta numru 4 tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali Birzebbuga, li saret fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 16 ta' Gunju 2015 fis-6:00p.m.*

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Kunsilliera | Kevin Barun (K.B.)<br>Joseph Baldacchino (J.B.)<br>Leanne Grech (L.G.)<br>Josette Busuttil (J.B.)<br>Herman Reuben Schiavone (H.S.)<br>Stanley Zammit (S.Z.)<br>Joseph Cutajar (J.C.) |
| Agent Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

Membri tal-pubbliku prezenti : 2

---

**Agenda ghal-laqgha :**

1 Qari u approvazzjoni ta' minuti
2 Arisings mill-Minuti
3 Korrispondenza
4 Rapport finanjarju ta' kull kwart ghall-perjodu Jannar-Marzu 2015
5 Approvazzjoni ta' hlasijiet
6 Approvazzjoni ta' works orders/purchase orders
7 Approvazzjoni ta' petty cash
8 Sejhiet ghall-offerti (diskussjoni dwar kuntratti li waslu biex jiskadu)
9 Vakanza ta' Segretarju Ezekuttiv
10 Xiri ta' apparat ghall-ufficcju
11 L-attivita' 'Ingeddu tfulitna'
12 Komunikazzjonijiet mis-Sindku, Agent Segretarju Ezekuttiv u mistoqsijiet/ interventi mill-Kunsilliera
13 Affarijiet ohra
14 Aggornament

Is-Sur Kevin Barun flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**4/01** **Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

04/01 Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, seduta numru 3, kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija.

04/02 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Kevin Barun, issekondata mis-Sur Hermann Schiavone il-minuti gew unanimament approvati

04/03 Is-Sindku u l-Agent Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett.

**4/02** **Arisings mill-Minuti**

04/02/01 Is-Sur Herman Schiavone staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm xi zviluppi rigward minuta 03/04/11 li kienet tikkoncerna talba li l-Kunsill Lokali kien ghamel sabiex jigi utilizzat parti mill-parkegg f'tal-Gass (zona tal-Qajjenza)
Wara diskussjoni libera li matulha gie stabbilit illi ma kienet waslet ebda risposta, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jibghat ittra lic-*Chief Executive Officer* tal-korporazzjoni Enemalta sabiex jinghata risposta.

04/02/02 Is-Sur Kevin Barun staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi rigward minuta numru 03/04/10, u b'mod partikolari rigward funtanta li l-Kunsill Lokali kien qieghed jippjana li ssir permezz ta' fondi taht l-iskema *Urban Improvement Fund* tal-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar.
Wara li s-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi t-talba kienet giet miqlugha u l-Kunsill Lokali kien iffirma kuntratt sabiex jinkisbu fondi taht l-iskema msemmija, kien hemm qbil illi kellha tigi mfassla sejha ghall-offerti sabiex ikun jista' jinghata bidu ghax-xogholijiet

**04/03** **Korrispondenza**

04/03/01 Permezz ta' e-mail datat 9 ta' Gunju 2015, is-Sur Lawrence Cutajar, f'isem l-ghaqda Blanzuni talab lill-Kunsill Lokali permess sabiex bhas-snin precedenti l-ghaqda tieghu tkun tista' ttella' bazaar fil-bajja s-sabiha nhar it-28 ta' Gunju 2015.
Wara diskussjoni qasira gie stabbilit illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghat-talba.

04/03/02 Permezz ta' e-mail datat 14 ta' Gunju 2015, is-Sa. Samira Damato talbet lill-Kunsill Lokali permess sabiex f'Marzu 2016, u ghal gurnata wahda biss tkun tista' tigbed xi xeni ghal film qasir li kienet ser tkun qieghda tipproduci.
Wara li inghataw id-dettalji relatati mal-attivita' in-kwistjoni, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni.

04/03/03 Permezz ta' e-mail datat 16 ta' Gunju 2015, il-kappillan tal-lokalita' informa lill-Kunsill Lokali illi kien qieghed jigi ppjanat illi tittella' quddiesa fl-okkazjoni tal-festa tal-Imnarja fi Triq l-Imnarja.
Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali ma kellux joggezzjona ghall-attivita' in-kwistjoni.

04/03/04 Permezz ta' e-mail datat 26 ta' Mejju 2015, is-Sur Alexander Saliba, f'isem il-Forum Zghazagh Laburisti talab lill-Kunsill Lokali permess sabiex l-organizzazzjoni tieghu tkun tista' torganizza attivita' fil-bajja s-sabiha nhar is-Sibt 11 ta' Lulju 2015. L-

attivita' kienet tikkonsisti f'party u s-Sur Saliba sahaq illi kienu ser jittiehdu mezzi ta' prekawzjoni sabiex ma jsirux hsarat fil-post.
Wara diskussjoni libera, fuq proposta tas-Sur Kevin Barun, issekondata mis-Sa. Leanne Grech u li ghaddiet b'votazzjoni unanima, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghat-talba tas-Sur Saliba, bil-kundizzjoni illi fil-11:00p.m. titbaxxa l-muzika u fil-post jinkrew *mobile toilets*. Gie deciz ukoll illi z-zona u d-daqs tal-attivita' kellha tkun specifikata.

04/03/05 Permezz ta' e-mail datat 15 ta' Gunju 2015, il-kappillan tal-lokalita' ressaq talba sabiex nhar il-5 ta' Lulju 2015 tkun tista' tittella' attivita' gewwa t-Tejatru Grieg fil-bajja s-sabiha.
Wara li inghataw id-dettalji tal-attivita' kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni.

04/03/06 Permezz ta' ittra 2 ta' Gunju 2015, is-Sur Alfred Mifsud, proprjetarju tal-binja 'Dar s-Sajjied' talab lill-Kunsill Lokali permess sabiex ikun jista jieghu hsieb latrina pubblika li kien hemm biswit l-istess stabbiliment sabiex tigi evitata cirkostanza rikorrenti li individwi jitlobu li jaghmlu uzu minn facilitajiet sanitarji li kien hemm fil-binja tieghu.
Gie stabbilit illi aktar tard fl-istess seduta kienet ser tigi diskussa proposa li tirrevodi l-operat tal-latrini pubblici li kienu jaqghu taht ir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali u ghaldaqstant ma kienx hemm il-htiega illi l-istess latrini jiehu hsiebhom is-Sur Mifsud. Fl-istess waqt, kemm il-darba s-sur Mifsud xtaq jaghti l-kontribut tieghu, il-Kunsill Lokali qabel illi jipproponi illi titnaddaf b'mod volontarju mis-Sur Mifsud iz-zona tal-istess 'Dar is-Sajjied' (Jitnaddfu l-irkejjen ta' mad-dawra)

04/03/07 Permezz ta' e-mail datat 21 ta' Mejju 2015, is-Sa Silvana Tabone, talbet lill-Kunsill Lokali permess sabiex fl-10 ta' Lulju 2015 torganizza party fil-bajja ta' San Gorg mis-6:00p.m. 'il quddiem.
Wara li inghataw id-dettalji tal-attivita', kien hemm qbil unanimu fost il-kunsilliera prezenti illi ghalkemm, il-Kunsilll Lokali ma kellu ebda oggezzjoni ghat-talba tas-Sa. Tabone, kellu jigi propost illi l-attivita' tittella' fil-bajja s-sabiha u mhux kif mitlub.

04/03/08 Permezz ta' e-mail datat 12 ta' Gunju 2015, is-Sa. Rebekah Attard Montalto tablet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jinhareg permess sabiex nhar il-15 u s-16 ta' Awissu 2015 jittellghu xi attivitajiet gewwa t-tejatru grieg fil-bajja s-sabiha.
Wara li inqraw id-dettalji tal-attivita' kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti illi kellhom jinhargu l-permessi mehtiega sabiex tittella' l-attivita'.

04/03/09 Permezz ta' e-mail datat 16 ta' Gunju 2015, is-Sa. Lorraine Callus tablet lill-Kunsill Lokali permess sabiex ikun jista' jittella' *roadshow* bil-ghan illi jigi stimulat il-konsum ta' hut frisk.
Wara li inghataw id-dettalji tal-attivita', kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti illi kellhom jinhargu l-permessi sabiex l-imsemmija *roadshow* tittella' minflok il-venda tat-trasport pubbliku.

04/03/10 E-Mail datat 16 ta' Gunju 2015 li permezz tieghu, il-Kunsill Lokali gie mitlub jevalwa l-possibilita' illi jinhareg permess lill-istazzjon tar-radju Unique sabiex ixandar mil-lokalita'.
Kien hemm qbil unanimu illi kellu jinhareg permess sabiex isiru x-xandiriet nhar ta' gimgha mill-bajja s-sabiha (iz-zona maghrufa bhala gazebos).

04/03/11 Permezz ta' e-mail datat 11 ta' Gunju 2015, is-Sur Jamie Cardona talab lill-Kunsill Lokali permess sabiex flimkien ma' numru ta' individiwi ikun jista' jikkampja fil-bajja s-sabiha bejn l-24 u s-26 ta' Gunju 2015.
Kien hemm qbil unanimu illi minhabba ragunijiet maghrufa, il-Kunsill Lokali ma kien qieghed johroh ebda permess ghal kampijiet

04/03/12 Permezz ta' ittra datata 20 ta' Mejju 2015, is-Sa. Roslynn Vella, mid-Direttorat ghas-Servizzi Edukattivi infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Ministeru ghall-Edukazzjoni u Impjieg ma kien isib ebda oggezzjoni ghat-talba tal-Kunsill Lokali sabiex bicca art tigi devoluta lill-Kunsill Lokali ghal skop ta' librerija tal-lokal.
Kien hemm qbil illi din il-materja kellha tigi segwita u galadarba jigi deciz permezz ta' mozzjoni illi ssir talba ufficjali ghad-devoluzzjoni, kellu jsir kuntatt mad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u d-Dipartiment tal-artijiet.

04/03/13 Permezz ta' e-mail datat 27 ta' Mejju 2015, is-Sur Matthew Mallia, f'isem WasteServ Malta inform alill-Kunsill Lokali b'lista ta' skart li kien ikkunsidrat bhala perikoluz u li seta' jingabar permezz ta' kollezzjoni separata minn gewwa r-residenzi.

04/03/14 Permezz ta' e-mail datat 9 ta' Gunju 2015, is-Sur Charles Fenech, kuntrattur li kien responsabbli mil-latrini pubblici ghadda xi suggerimenti rigward l-operat tal-istess latrini pubblici.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi kelli jinbidel il-hin ta' ftuh tal-latrini pubblici. Kien hemm qbil ukoll illi l-Kunsill Lokali kellu jinstalla *cameras* tas-sigurta' sabiex titnaqqas l-eventwalita' ta' vandalizmu.

04/03/15 Permezz ta' petizzjoni numru ta' individwi talbu illi jsiru traffic calmers fi Triq San Filippu.
Wara li giet evalwata t-talba kien hemm qbil illi kellha tintbaghat ittra bi proposta lir-residenti u dawk li kienu ffirmaw il-petizzjoni.

04/04 **Rapport finanjarju ta' kull kwart ghall-perjodu Jannar-Marzu 2015**

04/04/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz ta' rapport finanzjarju ghall-perjodu Jannar- Marzu 2015. Is-Sur Hall imbaghad ghadda sabiex jispjega fid-dettall id-dhul u l-infiq tal-Kunsill Lokali fil-perjodu in-kwistjoni u jwiegeb ghall-mistoqsijiet tal-kunsilliera.
Wara diskussjoni libera, fuq proposta tas-Sur Kevin Barun issekondata mis-Sur Stanley Zammit il-Kunsill Lokali unanimament approva r-rapport finanzjarju hekk kif propost.

04/05 **Approvazzjoni ta' hlasijiet**

04/05/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti ghall-approvazzjoni.

04/05/02 Fuq mozzjoni tas-Sur Joseph Baldacchino, issekondat mis-Sa. Leanne Grech, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

04/06 **Approvazzjoni ta' works orders/purchase orders**

04/06/01 L-Agent Segretarju Ezeuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet nehdiet sistemi godda ta' kif jigi ordnat ix-xoghol permezz ta' formoli ta' works/purchase orders differenti minn dawk precedenti. Il-hsieb wara l-inzijativa kien illi filwaqt li jkun hemm aktar dettalji dwar kif jigi ordnat ix-xoghol, il-Kunsill Lokali jkun f'pozizzjoni ahjar li jevalwa dan il-lat finanzjarju. Is-Sur Hall zied jghid illi minhabba l-fatt illi l-imsemmija procedura ma kenitx ilha li nbdiet l-informazzjoni relevanti kienet minima u ma setghetx titressaq ghas-seduta tal-Kunsill.

**04/07** **Lista ta' Petty Cash**

04/07/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' petty cash mahrug matul Mejju 2015

04/07/02 Wara kunsiderazzjoni tas-Sur Kevin Barun, issekondat mis-Sur Hermann Reuben Schiavone, il-Kunsill unanimament approva l-lista msemmija li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**04/08** **Sejhiet ghall-offerti (diskussjoni dwar kuntratti li waslu biex jaghlqu)**

04/08/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi kien hemm numru ta' kuntratti li kienu ser jiskadu minghajr il-possibilita' li jigu estizi. Wara diskussjoni libera, li matulha gew diskussi l-imsemmija kuntratti, kien hemm qbil unanimu illi kellha ssir b'mod imminenti, laqgha tal-bord tal-kuntratti bil-ghan illi l-Kunsill Lokali jkun jista' jiddiskuti x-xogholijiet u johrog is-sejhiet ghall-offerti relativi.

**04/09** **Vakanza ta' Segretarju Ezekuttiv**

04/09/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi hekk kif maqbul kienet inharget mill-gdid sejha sabiex jimtela' l-post vakanti ta' Segretarju Ezekuttiv. Is-sejha kienet ghalqet u wara li gew evalwati l-applikazzjonijiet kollha li kienu gew ricevuti kien irrizulta illi kien hemm xi individwi li kienu eligibbli sabiex jimlew il-post vakanti. Is-Sur Hall zied jghid illi l-pass li jmiss kien illi l-bord mahtur sabiex jaghmel l-interviews jintervista lill-kandidati kollha eligibbli u jipprezenta rakkomandazzjoni fis-seduta segwenti.

**04/10** **Xiri ta' apparat ghall-ufficcju**

04/10/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi wara li flimkien mas-Sindku kien iddiskuta l-operat amministrattiv tal-Kunsill Lokali, kien qieghed jigi propost illi l-Kunsill Lokali jixtri *server* sabiex l-informazzjoni u korrispondenza tal-Kunsill Lokali tkun tista' tigi mitfugha fih u tkun accessibbli ghall-impjegati kollha u f'certi kazi anke ghall-amministrazzjoni. F'dan ir-rigward kienet igabret stima minghand C-Planet IT Solutions ghax-xiri u installazzjoni ta' NAS drive. L-istima kienet tammonta ghal €280.
Wara diskussjoni libera li matulha gie dikuss il-metodu li kien qieghed jigi propost li jigi adottat, is-Sur Stanley Zammit ippropona li l-Kunsill Lokali jixtri l-apparat hekk kif propost. Is-Sur Kevin Barun issekonda l-proposta tas-Sur Zammit li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti.

**04/11** **L-attivita' 'Ingeddu Tfultina'**

04/11/01 Is-Sur Kevin Barun informa lill-Kunsilliera prezenti illi kienu ghaddejjin b'ritmu mghaggel il-preparamenti ghall-attivita' 'igeddu tfulitna' li kien qieghed jigi ppjanat illi tittella' geww l-Bajja s-sabiha nhar is-Sibt 27 ta' Gunju 2015. Is-Sindku ghadda sabiex jipprezenta abbozz ta' programm ghall-istess attivita' li kien gie mhejji flimkien mal-kordinatur Mario Camilleri. Segwiet diskusjsoni libera li matulha gew diskussi fost affarijiet ohra l-logistika tal-attivita' u l-partecipanti. Finalment, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jipprocedi sabiex l-attivita' tkun tista' tittella' hekk kif ippjanat.

**04/12** **Komunikazzjonijiet mis-Sindku, Agent Segretarju Ezekuttiv, u mistoqsijiet/ interventi mill-Kunsilliera.**

04/12/01 Is-Sur Kevin Barun informa lill-Kunsill Lokali illi kien attenda ghal laqgha mal-Freeport li matulha kien gie diskuss l-incident li kien inqala u li kien ikkawza l-gheluq tal-bajja s-sabiha. Kien hemm diskussjoni libera dwar il-materja li matulha gew evalwati diversi proposti li setghu isiru sabiex l-incident ma jergax jirrepeti ruhu

04/12/02 Is-Sur Kevin Barun qal illi fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu johrog stqarrija ghall-istampa li permezz taghha l-Kunsill Lokali jiehu pozizzjoni rigward bagi li kienu saru minn Transport Malta fil-lokalita' u tender boats li kienu mitluqa mal-kosta. Is-Sa. Leanne Grech issekondat il-proposta tas-Sur Barun li ghaddiet b'votazzjoni ta' hames voti favur u astensjoni wahda.

04/12/03 Is-Sur Kevin Barun qal illi fl-opinjoni tieghu kellha tintbaghat ittra lill-Gvern Centrali bil-ghan illi l-Kunsill Lokali ikollu gharfien dwar eventwali pjanijiet li kien hemm ghal zoni u binjiet specifici fil-lokalita'.Is-Sur Stanley Zammit issekonda l-proposta tas-Sindku li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost il-Kunsilliera prezenti.

04/12/04 Is-Sur Joseph Baldacchino informa lill-Kunsill Lokali illi kien zdied l-ammont ta' *inmates* assenjati jahdmu f'Birzebbuga. Kien hemm qbil illi x-xoghol li kienu jipproducu l-imsemmija haddiema kien validu u l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni

04/12/05 Is-Sur Joseph Baldacchino informa lill-Kunsill Lokali illi waqt attivita' li kienet ittellghet fl-okkazjoni ta' Jum l-Omm kienet saret gabra ta' aktar minn €50 b'risq il-fondazzjoni inspire li kien uriet il-gratitudni taghha ghall-gest.

04/12/06 Is-Sa. Leanne Grech infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet giet avvicinata mis-Sidien tal-farmacija St.Martins li kienu ilmentaw illi kien qieghed ikun hemm problema kawza ta' parkegg quddiem l-istess negozju, partikolarment ghal klijenti bi bzonnijiet specjali.
Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi l-argument migjub ma kienx gustifikat u ma kellha tittiehed ebda azzjoni fir-rigward.

04/12/07 Is-Sa. Leanne Grech infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet hadet l-inizjativa illi taghmel kuntatt mal-kap tal-iskola primarja bil-ghan illi spazji miftuha fl-istess skola primarja ikunu jistghu jintuza ghall-parkegg matul ix-xhur tas-sajf bil-ghan illi tittaffa' xi fti il-problema ezistenti ta' nuqqas ta' parkegg. Wara li s-Sa. Grech

ghaddiet id-dettalji lill-Kunsilliera prezenti, kien hemm qbil unanimu illi kemm il-darba ikun possibbli l-inizjativa msemmija kellha tigi implimentata.

04/12/08 Is-Sa. Leanne Grech qalet illi fl-opinjoni taghha, il-Kunsill Lokali kellu jikkunsidra illi jinvesti fil-qasam edukattiv billi matul ix-xhur ta' Lulju u Awissu joffri privat ghall-istudenti li ma jkunx irnexxielhom jghaddu mill-ezamijiet ta' livell ordinarju. Kien hemm diskussjoni libera dwar il-materja li matulha gie maqbul illi s-Sa. Grech flimkien mas-Sa. Josette Busuttil kellhom johorgu bi proposta ta' kordinament sabiex tigi evalwata.

04/12/09 Is-Sa. Leanne Grech qalet illi fl-opinjoni taghha il-Kunsill Lokali kellu jikkunsidra illi jibda' jintroduci l-arti f'postijiet pubblici fil-konfini tal-lokalita'. Kien hemm diskussjoni libera dwar il-materja li matulha gie deciz illi kellha tigi kkunsidrata l-possibilita' illi tinhareg sejha ghal espressjoni ta' interess sabiex jitpoggew monumenti f'postijiet pubblici

04/12/10 Is-Sa. Josette Busuttil tablet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possbilita' illi jigu installati cameras fi Gnien il-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu illi l-proposta tas-Sa. Busuttil kellha tigi implimentata matul l-2016.

04/12/11 Is-Sa. Josette Busuttil infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet qieghda tippjana illi f'isem l-istess Kunsill Lokali ttella' attivita' fl-okkazjoni ta' Jum il-Missier.

04/12/12 Is-Sur Hermann Reuben Schiavone informa lill-Kunsill Lokali illi kien ircieva xi ilmenti rigward tappiera li kien hemm fi Triq San Gwann kantuniera ma Triq San Vincenz.
Gie stabbilit illi kellha tingibed l-attenzjoni tal-kumpanija responsabbli sabiex is-sitwazzjoni tigi ratifikata.

04/12/13 Is-Sur Hermann Reuben Schiavone informa lill-Kunsill Lokali illi kien ircieva xi ilmenti rigward bozoz maqtughin fuq il-pont maghruf bhala ta' San Gorg.
Gie stabbilit illi kellha tittiehed azzjoni sabiex l-imsemmija bozoz jigu msewwija fl-iqsar zmien possibbli.

04/12/14 Is-Sur Hermann Reuben Schiavone ilmenta mal-Kunsill Lokali illi kien gie rraportat lilu illi kien hemm kwantitajiet ta' hmieg u skart madwar skips li kien hemm fi Triq San Patrizju.
Is-Sur Kevin Barun informa lill-Kunsill Lokali illi kienet ittihedet azzjoni sabiex l-iskart jitnehha.

04/12/15 Is-Sur Hermann Reuben Schiavone qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jikkunsidra l-possibilita' illi jitlob laqgha lill-Freeport bil-ghan illi negozji li kienu soffrew danni kawza tal-incident li kien inqala' u li kkawza l-gheluq tal-bajja s-sabiha jinghataw kumpens.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jressaq talba f'isem in-negozji sabiex tigi evalwata l-possibilita' illi l-istess negozji jinghataw pagament ghall-kumpens mill-Freeport.

04/12/16 Is-Sur Stanley Zammit qal illi minkejja li d-dawl tax-Xatt kien qieghed jixghel, kien jinhtieg illi jsiru xi manutenzjonijiet. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi kellhom jigu identifikati l-hsarat ezistenti sabiex fejn ikun possibbli jsiru t-tiswijiet mehtiega.

04/12/17 Is-Sur Stanley Zammit qal illi fl-opinjoni tieghu kellhom jigabru kwotazzjonijiet sabiex isir weeding tax-Xatt. Dan minbarra xogholijiet mehtiega fuq cint biswit il-klabb tal-bocci.
Kien hemm qbil unanimu illi kellha tingabar stima tax-xoghol imsemmi.

**Aggornament**

Is-Seduta spiccat fit-10:30p.m. minghajr wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata għal nhar it-Tlieta 14 ta' Lunju 2015 fis-6:00p.m

**Kevin Barun**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**A/Segretarju Ezekuttiv**

Data: 14/7/2015